MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2012

Avviz Numru. 418/2011

**Grand Hotel Excelsior Limited
(C 12837)**

**vs**

**Malta Fairs Convention Centre**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' Dicembru 2011 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta' ghaxart elef, tlett mija u sebgha u sebghin Ewro, erbghin centezmu (€10,377.40) rapprezentanti import ta' akkomodazzjoni fil-lukanda Grand Hotel Excelsior u servizzi ohra relatati ma' l-istess, provduti mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta fuq l-inkariku u struzzjonijiet tas-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali 1009/2011 li saret a tenur ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap 12 u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li hija ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lis-socjeta konvenuta fil-25 ta’ Jannar 2012, u dana skond ir-riferta posittiva tal-Marixxal Mark Dimech datata 27 ta’ Jannar 2012 (fol 5 tergo).

Illi fis-seduta tas-27 ta’ Frar, 2012, il-Qorti giet infurmata illi l-partijiet qed jippruvaw jaslu ghal transazzjoni, u ghalhekk iddiferiet il-kawza ghas-7 ta’ Mejju 2012;

Illi, fis-seduta tas-7 ta’ Mejju 2012, is-socjeta’ attrici pprezentat nota ta’ riduzzjoni ta’ l-ammont miltub minn dak li jidher fl-avviz ghas-somma ta’ hamest elef, tmien mija u hames Euro (€5,805) (fol 7) kif ukoll kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta (fol 8), u l-kawza giet differita ghas-subizzjoni ghall-14 ta’ Mejju 2012.

Rat illi fis-seduti ta’ l-14 ta’ Mejju 2012 u tat-18 ta’ Mejju 2012, rapprezentant tas-socjeta konvenuta gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba ta’ l-istess socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hamest elef, tmien mija u hames Euro (€5,805) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta, liema spejjez ma ghandhomx jinkludi l-ispejjez ta’ l-Ittra Ufficali 1009/2011 stante illi dawna huma gia koperti minn**

**taxxa separata mahruga skond il-Ligi, w bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------